MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 7/2000/1

**Francesco Portelli u b'nota tas-17 ta' Marzu 2010, Francesco Portelli assuma l-atti tal-kawza minflok huh l-imsiefer Carmel Portelli; Carmel Portelli f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu imsifrin Paul Portelli, u Josephine mart Michael Cauchi; Benjamin, Joseph u Duminku ilkoll ahwa Muscat; Giovanna Axiak, Salvu Portelli u b'digriet tat-13 ta' April 2010 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Carmen Portelli f'isimha u bhala mandatarja ta' bintha imsiefra Jennifer Marie Portelli, Simon Portelli u Luca Portelli stante l-mewt ta' Salvatore Portelli fil-mori tal-kawza, Anthony Portelli, l-imsemmija Giovanna Axiak f'isimha u bhala mandatarja ta' huha imsiefer Joseph Portelli; Michael Galea, Peter Paul Galea, Francesca Borg, Lucija xebba Galea, Maria Sultana, l-imsemija Lucija Galea f'isimha u bhala mandatarja ta' hutha imsifrin Benny Galea u Salvu Galea u b'digriet tas-17 ta' Marzu 2010 Emanuel Galea gie mizjud bhala attur f'din il-kawza u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2010 l-gudizzju gie trasfuz**

**f'isem Stella Galea, Carmel Galea u Mary Saliba stante l-mewt ta' Emanuel Galea fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Emanuel Portelli**

Il-Qorti,

Rat li fic-citazzjoni attrici gie premess:

Peress illi Facondo Portelli, ragel ta' Maria née Azzopardi, bin il-mejtin Giusepp u Maria née Azzopardi, miet fl-erbatax (14) ta' Jannar elf disa' mija u sittin (1960), u martu Maria Portelli, gia bint il-mejtin Giuseppe Azzopardi u Rosa née Grech, mietet, Ghawdex fl-erbgha (4) ta' Dicembru elf disa' mija wiehed u sittin (1961);

U peress illi l-konjugi Portelli rregolaw is-successjoni taghha (recte: taghhom) b'zewg testmenti unika karta wiehed fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-hmistax (15) ta' Marzu elf disa' mija tlieta u erbghin (1943), u iehor fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech tal-ghaxra (10) ta' Settembru elf disa' mija u sitta u hamsin (1956) fejn istitwew bhala eredi universali taghhom lill-hames uliedhom Karmni u Loreta xebbiet, Toni, Giuseppa mart Giusepp Galea, u Giusepp fi kwoti ugwali bejniethom, u dan wara li ordnaw diversi legati;

U peress illi Carmela xebba Portelli mietet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elf disa' mija hamsa u sebghin (1975) u bit-testment taghha fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-tmintax (18) ta' Mejju elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) innominat eredi universali taghha lil ohtha Loreta Portelli;

U peress illi Loreta Portelli mietet fid-dsatax (19) ta' Lulju elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u bit-testment taghha fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) hija

innominat eredi universali taghha lill-attur Francesco Portelli;

U peress illi Joseph Portelli miet fl-ghaxra (10) ta’ Ottubru elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994), intestat u ghalhekk il-wirt tieghu iddevolva favur is-sitt uliedu Carmel, Francis, Mary Rose mart Emanuel Muscat, Giuseppa mart Michaelangelo Cauchi, u Pawlu (ilkoll atturi hlief Mary Rose Muscat, mejta) u Emanuel, (konvenut);

U peress illi l-imsemmija Mary Rose Muscat mietet intestata fl-ewwel ta’ Dicembru elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) u lil din wirtuha t-tlett uliedha Benjamin, Joseph u Duminku lkoll ahwa Muscat (atturi);

U peress illi Giuseppa Galea mietet u b’testment taghha fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-tnax (12) ta’ Gunju elf disa’ mija tnejn u tmenin (1982) innominat bhala eredi taghha lid-disat uliedha cjoe’ Benny, Salvu, John, Emanuel, Michael, Peter Paul, Francesca Borg, Lucija Galea, u Maria Sultana ilkoll ahwa Galea;

U peress illi l-imsemmi Giovanni Galea miet guvni fit-tnejn (2) ta’ Settembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) u bit-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tnejn (2) ta’ Frar elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) innomina bhala eredi universali tieghu lil ohtu germana Lucija Galea;

U peress illi Anthony Portelli miet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju elf disa’ mija disgha u tmenin (1989) u lil dan wirtuh l-erbat uliedu Salvu, Toni, Giovanna Axiaq, u Joseph ilkoll ahwa Portelli (atturi);

U peress illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenut tal-beni provenjenti lilhom mill-wirtijiet u successjonijiet hawn fuq imsemmija;

L-atturi ghalhekk talbu lil din il-qorti:

1. tillikwida l-beni gia formanti il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Facondo u Maria Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Facondo Portelli u lill-assi partikolari ta' Maria Portelli;

3. tillikwida l-beni partikolari ta' Facondo Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Facondo Portelli f'hames porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-attur Francesco Portelli bhala eredi ta' Carmela xebba Portelli; ohra lill-istess Francesco Portelli bhala eredi ta' Loreta Portelli; porzjon ohra lill-atturi Salvu, Toni, Giovanna Axiaq u Joseph Portelli bhala eredi tal-mejjet Anthony Portelli fi kwoti ugwali bejniethom kwart kull wiehed u wahda; porzjoni ohra lill-atturi Emanuel, Michael, Peter Paul, Francesca Borg, Maria Sultana, Benny u Salvu fi kwota ta' nona parti (1/9) kull wiehed u zewg noni (2/9) lil Lucija Galea f'isimha u bhala eredi ta' John Galea bhala eredi ta' Giuseppa Galea; u r-rimanenti porzjoni tigi assenjata fi kwota ta' sesta parti (1/6) kull wiehed lill-atturi Francesco Portelli, Carmelo Portelli, Paul Portelli, Josephine Cauchi, u l-konvenut Emanuel Portelli, u r-rimanenti sesta parti minn din il-porzjoni tigi assenjata lill-atturi Dumink Muscat, Benny Muscat, u Joseph Muscat ilkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Portelli;

5. tillikwida l-beni partikolari ta' Maria Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. tiddividi dawn il-beni f'hames porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-attur Francesco Portelli bhala eredi ta' Carmela xebba Portelli; ohra lill-

istess Francesco Portelli bhala eredi ta' Loreta Portelli; porzjon ohra lill-atturi Salvu, Toni, Giovanna Axiaq u Joseph Portelli bhala eredi tal-mejjet Anthony Portelli fi kwoti ugwali bejniethom kwart kull wiehed u wahda; porzjoni ohra lill-atturi Emanuel, Michael, Peter Paul, Francesca Borg, Maria Sultana, Benny u Salvu fi kwota ta' nona parti (1/9) kull wiehed u zewg noni (2/9) lil Lucija Galea f'isimha u bhala eredi ta' John Galea bhala eredi ta' Giuseppa Galea; u ir-rimanenti porzjoni tigi assenjata fi kwota ta' sesta parti (1/6) kull wiehed lill-atturi Francesco Portelli, Carmelo Portelli, Paul Portelli, Josephine Cauchi, u l-konvenut Emanuel Portelli, u r-rimanenti sesta parti minn din il-porzjoni tigi assenjata lill-atturi Dumink Muscat, Benny Muscat, u Joseph Muscat ilkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Portelli;

7. tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum u hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

8. fin-nuqqas, f'kaz li jirrizulta illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq imghad.

Rat li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut eccepixxa hekk:

1. Illi qabel xejn ghandu jigi accertat li l-atturi kollha ma tawx il-kunsens taghhom ghal din ic-citazzjoni.

2. Illi l-atturi ghandhom jiddikjaraw jekk humiex jitolbu d-divizjoni ta' l-assi kollha li kienu komprizi fl-ereditajiet imsemmija jew humiex qed jinsistu li tigi rispettata qasma verbali maghmula bejniethom fl-elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) li permezz taghha gew maqsuma l-bicca 'l kbira mill-assi komuni.

3. Illi salv il-premess u minghajr pregudizzju ghall-jeddijiet kollha tal-mittenti, huwa ma jopponix ghall-qasma

mitluba purche’ jigu verifikati l-konsistenzi ta’ l-assi u l-kwoti rispettivi tal-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat it-tliet rapporti prezentati mill-Perit Tekniku Edward Scerri.

Rat l-atti kollha ta’ din il-kawza.

Rat li din il-kawza hija miexja kontestwalment ma’ kawza ohra Cit Nru 48/1999JD fl-ismijiet **Frangisk Portelli pro et noe vs Emanuel Portelli**.

Rat li din il-kawza kienet diga’ thalliet ghas-sentenza izda peress li nbidel il-Magistrat sedenti, il-partijiet inghataw l-opportunita’ jergghu jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Izda fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2011 il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet ghalhekk differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Novembru 2011. Peress li l-qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza titratta l-qasma tal-gid li kien ta’ Facond u martu Maria Portelli.  Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

1. Facondo Portelli miet fl-14 ta’ Jannar 1960 u martu Maria Portelli mietet fl-4 ta’ Dicembru 1961. Huma kellhom hamest ulied ossija Karmni, Loreta, Toni, Giuseppa (mart Giusepp Galea) u Giusepp.

2. Facondo u Maria Portelli rregolaw is-successjoni taghhom b’zewg testmenti unika karta wiehed fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-hmistax (15) ta’ Marzu elf disa’ mija tlieta u erbghin (1943), u iehor fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech tal-ghaxra (10) ta’ Settembru elf disa’ mija u sitta u hamsin (1956) fejn istitwew bhala eredi universali taghhom lill-hames uliedhom Karmni u Loreta xebbiet, Toni, Giuseppa mart Giusepp Galea, u Giusepp fi kwoti ugwali bejniethom, u dan wara li ordnaw diversi legati.

3. Karmni mietet fil-25 ta' Ottubru 1975 u bit-testment taghha tat-18 ta' Mejju 1973[1] innominat eredi universali taghha lil ohtha Loreta Portelli;

4. Loreta Portelli mietet fid-19 ta' Lulju 1995 u bit-testment taghha tas-26 ta' Mejju 1973[2] hija innominat eredi universali taghha lill-attur Francesco Portelli;

5. Joseph Portelli miet fl-10 ta' Ottubru 1994, intestat u ghalhekk il-wirt tieghu iddevolva favur is-sitt uliedu Carmel, Francis, Mary Rose mart Emanuel Muscat, Giuseppa mart Michaelangelo Cauchi, u Pawlu (ilkoll atturi hlief Mary Rose Muscat, mejta) u Emanuel, (konvenut);

6. Mary Rose Muscat mietet ukoll intestata fl-1 ta' Dicembru 1994 u lil din wirtuha t-tlett uliedha Benjamin, Joseph u Duminku lkoll ahwa Muscat (atturi);

7. Giuseppa Galea mietet u b'testment taghha tat-12 ta' Gunju 1982[3] innominat bhala eredi taghha lid-disat uliedha cjoe' Benny, Salvu, John, Emanuel, Michael, Peter Paul, Francesca Borg, Lucija Galea, u Maria Sultana ilkoll ahwa Galea;

8. Giovanni Galea miet guvni fit-2 ta' Settembru 1998 u bit-testment tieghu[4] tat-2 ta' Frar 1994 innomina bhala eredi universali tieghu lil ohtu germana Lucija Galea;

9. Emanuel Galea miet fl-20 ta' Marzu 2010. Ma jirrizultax mill-atti jekk mietx intestat o meno izda l-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Stella Galea u wliedu Carmel Galea u Mary Saliba;

10. Anthony Portelli miet fit-22 ta' Mejju 1989 u lil dan wirtuh l-erbat uliedu Salvu, Toni, Giovanna Axiaq, u Joseph ilkoll ahwa Portelli (atturi);

---

[1] Fl-atti Nutar Giuseppi Cauchi
[2] Fl-atti Nutar Giuseppi Cauchi
[3] Fl-atti Nutar Giuseppi Cauchi
[4] Fl-atti Nutar Paul George Pisani

11. Salvu Portelli miet fil-21 ta' Marzu, 2007 intestat u ghalhekk il-wirt tieghu ddevolva nofs indiviz fuq martu u r-rimanenti nofs fuq it-tlett uliedu Jennifer Marie Portelli, Simon Portelli u Luca Portelli;

12. Ghaldaqstant jirrizulta li wlied Facondo u Maria Portelli illum huma kollha mejta. B'hekk il-gid taghhom se jinqasam mill-werrieta ta' wliedhom.

13. Jirrizulta wkoll li mill-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2008[5] li l-partijiet qablu li l-qasma ssir skond id-divizjoni bonarja li kienet saret wara l-mewt ta' Fakund u Maria Portelli li tissemma fir-rapport tal-perit tekniku fol 126 sa 129. Il-partijiet qablu wkoll li

(i) kull parti (hames ishma) ghandha fil-pussess taghha raba' (raba' baghli) oggett ta' din il-kawza u l-partijiet jaqblu li r-raba' fil-pussess taghhom tigi assenjata lil min qieghed jokkupaha b'dan illi ghandha tithallas ekwiparazzjoni;

(ii) ir-raba' annessa mal-fond 35, Triq ta' Majza, Nadur kejl superficjali ta' 467m.k. trid tinqasam bejn il-kondividenti eskluz il-legatarja li lilha thalla l-fond. Il-partijiet jaqblu li din ir-raba' hi kommodament divizibbli.

14. Jehtieg ukoll li tigi sorvolata l-kwistjoni dwar l-art maghrufa bhala 'Il-Qortin tar-Ramla' li ghandha kejl ta' circa tomnejn. Il-konvenut Emanuel Portelli xehed[6] li din ir-raba' kienet originarjament tal-buznannu Giuzeppi Azzopardi min-naha ta' missieru Giuzepp Portelli. Il-buznannu hallieha lill-werrieta tieghu li kienu hamsa fosthom Maria Portelli mart Facondo Portelli. Dokumenti dwar din l-art ma sabx. Huwa xehed li minn din ir-raba' siegh biss jinhadem ghaliex il-kumplament kien kollu blat. Huwa kien dahal f'din l-art fl-1960 u dan peress li missieru qallu biex jidhol fiha u jiehu hsiebha. Missieru qatt ma qallu li din l-ghalqa saret tax-xhud. Gieli welliha izda mill-

[5] Tal-kawza Nru 48/1999
[6] Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2010

1992 regghet giet f'idejh u beda jizra' s-silla. Din l-art messet lil missieru meta saret il-qasma bejn ulied Facondo. In kontro-ezami kkonferma li meta miet missieru Giuzepp Portelli huwa ghamel id-denunzja. Huwa qal ukoll li peress li ma nstabu l-ebda dokumenti dwar din l-art huwa beda jqisha bhala tieghu.

Illi pero' din il-qorti tirreferi ghall-verbal li sar fis-17 ta' Marzu 2010 li testwalment jaqra hekk:

'L-attur Francesco Portelli (Benjamin, Joseph u Duminku ahwa Muscat jaqblu) jsostni li n-nanniet tieghu (Facondo u Maria Portelli) kienu matul hajjithom qasmu r-raba' bejn it-tfal taghhom li kienu hamsa (5). Din il-qasma saret bil-kelma u ma kinitx tinkludi l-art Il-Qortin tar-Ramla li qeghda fuq sies u kienet ta' ftit valur, ghalhekk din ir-raba' li huh Emanuel Portelli qieghed jippretendi li missierhom kien qallu biex jiehu hsiebha ghadha komuni bejn il-werrieta tan-nanniet.

Min-naha tieghu Emanuel Portelli jsostni li din il-porzjon art kienet giet inkluza fil-qasma u li messet lil missieru u li kien qallu biex jiehu hsiebha, ghalhekk isostni li r-raba' ghandha tifforma parti mis-sehemassebjat lil missieru Joseph Portelli. Ghaldaqstant Emanuel Portelli qieghed jaqbel li n-nanniet kienu qasmu r-raba' kollha bejn il-hames uliedhom.

L-atturi l-ohra prezenti Giovanna Axiaq, Salvu Portelli u Anthony Portelli jaqblu li n-nanniet kienu qasmu r-raba' kollha bejn il-hamest itfal hlief ghar-raba' tal-Qorti li baqghet komuni'.

Issir referenza wkoll ghan-nota ta' Francesco Portelli pro et noe tat-2 ta' Gunju 2010[7] fejn iddikjaraw li mill-indagni li wettqu jirrizulta li meta mietet Maria Portelli (mart Facondo) fl-1962 wliedha kollha kienu qablu li l-art 'Ta' Fuq il-Halq' fil-limiti ta' Nadur, tal-kejl ta' circa siegh u nofs, tmiss punent ma' Salvatore Camilleri, nofsinhar ma' Pawlu u Ganni Muscat u tramuntana ma' passagg kienet

[7] A fol 147 tal-process

tappartjeni fl-intier taghha lid-*decujus*. Referenza saret ghal Item 7 fid-denunzja taghha Nru 68/1962. Inoltre' meta miet Joseph Portelli, missier il-konvenut, id-denunzja tieghu mtliet proprju mill-konvenut stess u f'dik id-denunzja Nru GI130/75 gie dikjarat li d-decujus kellu kwint indiviz minn din ir-raba' – item numru 23 tad-denunzja.

Illi mid-dokumentazzjoni li ghandha in atti, anki peress li ma gewx kontradetti bi provi dokumentarji ohra, din il-qorti tikkonkludi li l-art maghrufa bhala 'Il-Qortin tar-Ramla' kienet tifforma parti mill-assi ta' Facond u Maria Portelli u li din ghalhekk ghandha tifforma parti mid-divizjoni.

15. Mir-rapport tal-Perit Edward Scerri[8]jirrizulta li l-proprjetajiet li hemm in divizjoni f'din il-kawza huma s-segwenti. Il-Perit Tekniku ghamel ukoll stima ta' dawn il-proprjetajiet:

(i) **Art Dahla tal-Mejda ta' Duru,** ta' kejl ta' 1617m.k (ara pjanta PP(A) a fol 66 tac-Cit Nru: 48/1999). Din il-proprjeta' tinsab effettivament maqsuma f'hames porzjonijiet kif murija fuq il-pjanta PPA.

▪ **Porzjon A** tal-kejl ta' 293m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Giuzeppa Galea - elf tmien mija u hamsa u ghoxrin euro (€1825) peress li tinsab mat-triq.

▪ **Porzjon B** tal-kejl ta' 233m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Toni Portelli – seba' mija u hamsa u ghoxrin euro (€725)

▪ **Porzjon C** tal-kejl ta' 590m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Joseph Portelli - elf tmien mija u sebgha u tletin euro (€1837)

▪ **Porzjon D** tal-kejl ta' 234m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Giuzeppa Galea - seba' mija u tletin euro (€730)

---

[8] Liema rapport gie prezentat fil-kawza Cit Nru:48/1999JD fl-ismijiet Frangisk Portelli pro et noe vs Emanuel Portelli - fol 61

- **Porzjon E** tal-kejl ta' 267m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Toni Portelli – tmien mija u tletin euro (€830)

(ii) **Art il-Mejda tad-Duru (kwazi ma' Triq Ghajn Hozna)** ta' kejl ta' 1252m.k. (ara pjanta PP(B) a fol 67 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art kienet effettivament inqasmet bejn Loreta u Carmela Portelli f'zewg porzjonijiet ta' 626m.k. il-wahda u kull porzjon giet stmata elfejn euro (€2,000). Din ir-raba' llum tinsab f'idejn Francesco Portelli bhala l-eredi taghhom.

(iii) **Art Triq ir-Ramla l-Hamra (il-Qortin tar-Ramla)** ta' kejl 2282m.k. (ara pjanta PP(C) a fol 68 tac-Cit Nru: 48/1999). Din il-proprjeta' tinsab effettivament maqsuma f'erba' porzjonijiet kif murija fuq il-pjanta PP(C).

- **Porzjon A** tal-kejl ta' 898m.k. kienet tinsab f'idejn Loreta u Carmela Portelli, illum f'idejn l-eredi taghhom Francesco Portelli – hamest elef u sitt mitt euro (€5600).

- **Porzjon B** tal-kejl ta' 485m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Toni Portelli – tlett elef u ghoxrin euro (€3020)

- **Porzjon C** tal-kejl ta' 488m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Giuzeppa Galea – tlett elef u erbghin euro (€3040)

- **Porzjon D** tal-kejl ta' 411m.k. tinsab f'idejn is-successuri ta' Joseph Portelli – elfejn hames mija u sittin euro (€2560)

(iv) **Art ta' Xurdin** tal-kejl ta' 2,040m.k. (ara pjanta PP(D) a fol 69 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon tinsab ghand is-successuri ta' Giuzeppa Galea – tmient elef u disa' mitt euro (€8,900).

(v) **Art ta' Xurdin** tal-kejl ta' 413m.k. (ara pjanta PP(E) a fol 70 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon

tinsab ghand is-successuri ta’ Giuzeppa Galea – elf hames mija u hamsin euro (€1,550).

(vi) **Art ta’ Xurdin** tal-kejl ta’ 804m.k. (ara pjanta PP(F) a fol 71 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon kienet tinsab ghand Loreta u Carmela Portelli, illum ghand is-successur taghhom Francesco Portelli – tlett elf euro (€3,000).

(vii) **Art f’Tal-Furnar jew tat-Twil** tal-kejl ta’ 119m.k. (ara pjanta PP(G) a fol 72 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art mhix okkupata - tlett mija u tmenin euro (€380).

(viii) **Art ta’ Xurdin** tal-kejl ta’ 1080m.k. (ara pjanta PP(H) a fol 73 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon tinsab ghand is-successuri ta’ Giuzeppa Galea – erbat elef u mitt euro (€4,100).

(ix) **Art il-Qortin tar-Ramla** tal-kejl ta’ 2508m.k. (ara pjanta FE (1)) a fol 76 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art mhix okkupata - elfejn hames mija u tmien euro (€2,508).

(x) **Art ir-Ramla ta’ Isfel –** il-Perit Tekniku m’ghamilx referenza ghal din l-art fir-rapport tieghu. Il-partijiet jaqblu li din l-art hija fil-pussess tas-successuri ta’ Joseph Portelli u parti ohra fil-pussess tas-successuri ta’ Toni Portelli[9]. Il-konvenut Emanuel Portelli fin-nota prezentata minnu fl-14 ta’ Jannar 2010[10] irrileva li l-valur ta’ din l-art tant huwa baxx li jkun ezercizzju inutli li din tigi valutata[11].

16. Illi apparti dawn il-proprjetajiet hemm ukoll il-**fond numru 35, Trejqet ta’ Mejza, Nadur, Ghawdex (li mhux in divizjoni)**; kif ukoll, **ir-raba’ annessa ma’ l-istess**

---

[9] Fin-nota taghhom l-atturi a fol 134 tal-process spjegaw li din l-art ta’ kejl ta’ 476m.k. murija fuq pjanta FE 9 a fol 84 tal-process Nru 48/1999 tinsab f’idejn is-successuri ta’ Joseph Portelli. Aktar lejn ix-Xlokk minn din ir-raba’, u immedjatament attigwa ghaliha, hemm porzjoni ohra tal-kejl ta’ 476m.k. li tinsab f’idejn is-successuri ta’ Anthony Portelli.
[10] Fol 154 tal-process Nru 48/1999
[11] Spjega li din hi art ta’ l-ispalla ghaliex il-garr ta’ l-oggetti minn u ghaliha jkollu necessarjament jingarr fuq l-ispalla peress li mhix komodament accessibbli u fiha biss ghollieq u qasab.

**fond**. Dwar il-fond dan thalla b'legat. Is-successjoni hija regolata bir-raba' artikolu tat-testment ta' Facondo u Maria konjugi Portelli tal-15 ta' Marzu 1943[12] u permezz ta' l-ewwel artikolu tat-testment taghhom l-iehor ta' l-10 ta' Settembru 1956[13]. Ir-raba' artikolu ta' l-ewwel testment ighid hekk:

*'It-testaturi jridu jiddisponu illi in okkazzjoni tal-qasma ta' l-assijiet rispettivi taghhom u sewwasew fil-qasma tal-giardina annessa mal-lok tar-residenza taghhom fuq imsemmi li tigi fuq il-punent u fuq nofsinhar ta' l-imsemmi lok, dina l-qasma ghandha ssir hekk: it-tlett itfal taghhom testaturi Toni, Giuseppa mart Giusepp Galea, u Giusepp Portelli ghandhom jiehdu kull wiehed nofs siegh kull wiehed li ghandu jinqata' mill-imsemmija giardina u min-naha tal-punent taghha u dan in-nofs siegh ta' kull wiehed jew wahda ghandu jkun soggett ghall-hlas ta' tmien soldi pis illi kollox bejn it-tlieta jigu zewg xelini fis-sena u in perpetwa'.*

Filwaqt li permezz ta' l-ewwel artikolu tat-tieni testment huma ddisponew hekk:

*' ....l-istess Facondo u Maria Portelli sejrin ihallu u jassenjaw, kif effettivament hallew u assenjaw lil Loreta u Carmela, xebbiet, ahwa germani Portelli, ulied komuni tat-testaturi, imweldin u joqoghdu n-Nadur, Ghawdex, b'titolu ta' legat – il-lok ta' djar b'mandretta mieghu ta' circa siegh, fejn l-istess testaturi joqoghdu, li jinsab in-Nadur, Ghawdex fi Triq Duru, mmarkata bin-numru hamsa u tletin, bl-obbligu li dawn Loreta u Carmela xebbiet Portelli jaghtu lil huthom Toni, Giuseppe u Giuseppa mart Giuseppi Galea, ahwa germani Portelli, ghal darba biss is-somma ta' hmistax-il lira sterlina lil kull wiehed minnhom...'*

Illi l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu spjega li rrizulta li l-art li hemm ghall-qasma meta wiehed jikkunsidra r-remissa u l-isqaq bhala parti mill-fond u mhux parti mill-mandra,

[12] Fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi
[13] Fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi

tkopri 381.5m.k. Dan huwa inqas mis-sighajn u nofs jew 467.5m.k. li hemm imsemmija fit-testmenti. Ghaldaqstant huwa kkonkluda li kull porzjon ghandu jinqasam bl-istess proporzjon imsemmi fit-testmenti imma jkopri proporzjonalment inqas. Dan ifisser li Toni, Giuseppi u Giuseppa mart Giuseppi Galea ahwa Portelli ghandhom jiehdu kwint kull wiehed minn 381.5m.k. jigifieri 76.3m.k. kull wiehed, filwaqt li Loreta u Carmela xebbiet Portelli imisshom zewg kwinti ma' xulxin jew 152.6m.k. Il-Perit Scerri ghalhekk hejja pjanta Dok PPB3[14].

Illi l-atturi fin-nota taghhom[15] spjegaw li l-pjanta mhejjija mill-Perit Scerri l-art giet diviza f'erba' porzjonijiet. Minn dawn l-ewwel porzjoni min-naha tal-lvant tal-kejl ta' madwar 156.2m.k. (immedjatament attigwa ghall-fond 35) thalla b'legat lil Loreta u Carmela xebbiet Portelli u illum tinsab f'idejn Frank Portelli bhala eredi taghhom. It-tieni porzjon min-naha tal-lvant (76.3m.k.) tinsab f'idejn is-successuri ta' Joseph Portelli; it-tielet porzjon min-naha tal-lvant (76.3m.k.) tinsab f'idejn is-successuri ta' Anthony Portelli; u l-porzjon tan-naha tal-punent (76.3m.k.) tinsab f'idejn is-successuri ta' Giuseppa Galea.

Illi l-konvenut ma kkummenta xejn dwar dak sottomess mill-atturi fin-nota taghhom rigwardanti din l-art.

Sussegwentement uhud mill-eredi ta' Giuseppa Galea u whud mill-eredi ta' Anthony Portelli prezentaw rikors u rrilevaw li ma jaqblux ma' dak li inghad fin-nota ta' l-atturi tal-5 ta' April 2010 u senjatament ma' dak li ntqal fuq il-mandra annessa mal-post 35, Trejqet ta' Majza, murija fuq il-pjanta PP1. Huma sostnew li ma jaqblux li l-art qeghda f'idejn diversi persuni u jridu li din l-art tinqasam f'porzjonijiet ta' valur ugwali u tittella' bix-xorti.

Illi l-konvenut min-naha tieghu ma opponix li l-art *de quo* ghandha tigi assenjata bix-xorti pero' huwa jidhirlu li bil-mod kif giet proposta li tigi diviza l-art, il-porzjonijiet rispettivi huma diga' ta' valur ugwali u m'hemmx bzonn li l-

---

[14] A fol 134 tal-process Nru 48/1999
[15] A fol 134 tal-process

partijiet jidhlu fi spejjez inutli biex dawn jergghu jinqasmu mill-gdid.

Illi l-atturi rapprezentati minn Dr Carmelo Galea permezz ta’ risposta taghhom sostnew li dak kontenut fin-nota tal-5 ta’ April 2010 jirrispekkja l-volonta’ tat-testaturi konjugi Portelli kif ukoll il-qasma fizika tal-giardina li saret immedjatament wara l-mewt tal-konjugi Portelli.

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti tara li l-pjanta kif imhejjija mill-Perit Scerri fil-fatt diga’ qasmet il-porzjonijiet rispettivi b’kejl ugwali. Ghal dak li jirrigwarda l-porzjon spettanti lil Francesco Portelli zgur li m’hemmx lok li din tittella’ bix-xorti ghaliex gie dispost b’mod car li lil Loreta u Karmni (li taghhom Francesco huwa l-eredi) thallielhom in legat ‘*il-lok ta’ djar b’mandretta mieghu ta’ circa siegh’* - kwindi kif gie indikat fil-pjanta. Ghar-rigward tat-tlett porzjonijiet l-ohra ladarba m’hemmx qbil bejn il-partijiet f’idejn min jinsabu u ghalhekk dawn ghandhom jittellghu bix-xorti.

17. Illi fis-seduta quddiem il-Perit Tekniku tal-15 ta’ Mejju 2003, il-partijiet b’referenza ghal Dok T[16] a fol 46 ikkonfermaw il-kwoti kif indikati. Minn dawk il-kwoti kif indikati jridi jigu varjati biss tnejn fis-sens li fil-mori tal-kawza mietu zewg atturi u ghalhekk il-wirt taghhom iddevolva fuq uliedhom.

18. Illi ghar-rigward ta’ l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet, kif diga’ inghad, hemm qbil bejn il-partijiet li dawn jigu assenjati lil dik il-porzjon li diga’ ghandha l-pussess tal-bicca raba’ in partikolari. Din il-qorti fil-fatt hekk se timxi ghar-rigward tar-raba’ li fuqhom hemm qbil. S’intendi jrid ikun hemm ekwiparazzjoni ghaliex kif jirrizulta minn dak fuq espost fejn gew elenkati r-raba’ u f’idejn min jinsabu hemm certu porzjonijiet li hadu aktar minn ohrajn.

19. Qabel ma tigi kalkolata l-ekwiparazzjoni, jehtieg li r-raba’ tigi assenjata.

[16] A fol 46 tal-process Nru 7/2000JD

20. Kif diga' gie spjegat ir-raba' kollha inkwistjoni trid tinqasam f'hames porzjonijiet ugwali. Tnejn minn dawn il-porzjonijiet iridu jigu assenjati lill-attur Francesco Portelli bhala eredi tax-xebbiet Carmela u Loreta Portelli. Porzjon ohra trid tigi assenjata lis-successuri ta' Toni Portelli. Porzjon ohra trid tigi assenjata lis-successuri ta' Giuzepp Portelli u l-ahhar porzjon lis-successuri ta' Giuseppa mart Giusepp Galea.

Referenza ssir hawnhekk ghall-verbal li sar fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2010 fejn il-konvenut Emanuel Portelli ddikjara li qieghed jaqbel li l-qasma ssir skond dak li kien miftiehem bejn missieru u hutu u liema ftehim gie rifless fir-rapporti li ghamel il-Perit Edward Scerri, pero' jibqa' jsostni li din l-art[17] m'ghandix tigi kunsidrata ghall-finijiet tal-qasma kemm tal-wirt tan-nanniet tieghu kif ukoll tal-wirt tal-genituri tieghu peress li kienet art mitlufa li mir-ricerki ma rrizultax li hemm titolu fuqha.

Illi pero' kif gie deciz fil-paragrafu numru erbatax (14) din l-art se tigi inkluza mal-beni in divizjoni u dan ghar-ragunijiet diga' fuq spjegati.

**Assenjazzjoni**

Ir-raba' qeghda tigi assenjata kif hawn taht provdut:

**Porzjon ta' Francesco Portelli (2/5)**

- **Art il-Mejda tad-Duru (kwazi ma' Triq Ghajn Hozna)** ta' kejl ta' 1252m.k. (ara pjanta PP(B) a fol 67 tac-Cit Nru: 48/1999) stmata elfejn euro (€2,000).

- **Art ta' Xurdin** tal-kejl ta' 804m.k. (ara pjanta PP(F) a fol 71 tac-Cit Nru: 48/1999) stmata tlett elf euro (€3,000).

- **Porzjon A** tal-kejl ta' 898m.k. mill-**Art Triq ir-Ramla l-Hamra (il-Qortin tar-Ramla)** liema art hija ta' kejl

[17] Il-Qortin tar-Ramla

akbar ossija 2282m.k. (ara pjanta PP(C) a fol 68 tac-Cit Nru: 48/1999) izda li hija maqsuma f'erba' porzjonijiet stmata hamest elef u sitt mitt euro (€5600).

Jinghad ukoll li x-xebbiet Portelli thalla lilhom b'legat **il-fond numru 35, Trejqet ta' Majza, Nadur, Ghawdex**. Bhala l-eredi taghhom Francesco Portelli ghalhekk wiret ukoll l-istess lok. Kif diga' fuq spjegat anness mad-dar kien hemm ukoll giardina. It-testaturi konjugi Portelli spjegaw b'mod dettaljat kif din il-giardina ghandha tinqasam. Ghaldaqstant din il-giardina inqasmet f'erba' porzjonijiet. Minn dawn**, l-ewwel porzjoni min-naha tal-lvant tal-kejl ta' madwar 156.2m.k.** (immedjatament attigwa ghall-fond 35) thalla b'legat lil Loreta u Carmela xebbiet Portelli u li tinsab f'idejn Frank Portelli bhala eredi taghhom qeghda tigi assenjata lilu. Dan kif muri fil-pjanta Dok PPB3[18] mhejjija mill-Perit Scerri. Ladarba l-fond u l-porzjon art thallew b'legat naturalment m'ghandhomx jittiehdu in kunsiderazzjoni ghall-ekwiparazzjoni.

<u>**Porzjon tas-successuri ta' Giuseppa Galea ( 1/9 kull wiehed lil Benny, Salvu, Michael, Peter Paul, Francesca Borg, Maria Sultana, 1/9 lill-eredi ta' Emanuel Galea u 2/9 lil Lucija Galea f'isimha u bhala eredi ta' John Galea )**</u>

- **Porzjon A** tal-kejl ta' 293m.k. mill-**Art Dahla tal-Mejda ta' Duru** liema art hija ta' kejl akbar ossija ta' kejl ta' 1617m.k (ara pjanta PP(A) a fol 66 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art diga' tinsab f'idejn is-successuri ta' Giuzeppa Galea - elf tmien mija u hamsa u ghoxrin euro (€1825)

- **Porzjon D** tal-kejl ta' 234m.k. mill-**Art Dahla tal-Mejda ta' Duru** liema art hija ta' kejl akbar ossija ta' kejl ta' 1617m.k (ara pjanta PP(A) a fol 66 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art diga' tinsab f'idejn is-

[18] A fol 134 tal-process Nru 48/1999

successuri ta' Giuzeppa Galea - seba' mija u tletin euro (€730)

- **Porzjon C** tal-kejl ta' 488m.k.mill-**Art Triq ir-Ramla l-Hamra (il-Qortin tar-Ramla)** liema art hija ta' kejl akbar ossija 2282m.k. (ara pjanta PP(C) a fol 68 tac-Cit Nru: 48/1999) izda li hija maqsuma f'erba' porzjonijiet li tinsab f'idejn is-successuri ta' Giuzeppa Galea – tlett elef u erbghin euro (€3040)

- **Art ta' Xurdin** tal-kejl ta' 2,040m.k. (ara pjanta PP(D) a fol 69 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon tinsab ghand is-successuri ta' Giuzeppa Galea – tmient elef u disa' mitt euro (€8,900).

- **Art ta' Xurdin** tal-kejl ta' 413m.k. (ara pjanta PP(E) a fol 70 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon tinsab ghand is-successuri ta' Giuzeppa Galea – elf hames mija u hamsin euro (€1,550).

- **Art ta' Xurdin** tal-kejl ta' 1080m.k. (ara pjanta PP(H) a fol 73 tac-Cit Nru: 48/1999). L-uniku porzjon tinsab ghand is-successuri ta' Giuzeppa Galea – erbat elef u mitt euro (€4,100).

Apparti r-raba' fuq imsemmija, fadal ukoll **Porzjon tal-giardina (76.3m.k.)** annessa mad-dar nru 35, Trejqet Majza, Nadur. Dan kif muri fil-pjanta Dok PPB3[19] mhejjija mill-Perit Scerri. Ladarba din il-porzjon art thalliet b'legat naturalment hija eskluza mill-ekwiparazzjoni. [liema wahda mit-tlett porzjonijiet se tittella bix-xorti]

**<u>Porzjon tas-successuri ta' Toni Portelli (1/4 kull wiehed lil Toni, Giovanna Axiaq, Joseph Portelli u r-rimanenti ¼ minn din il-porzjon tigi assenjata lill-eredi tal-mejjet Salvu Portelli ossija lill-atturi Mary Carmen Portelli li qeghda tidher f'dawn il-proceduri f'isimha u bhala mandatarja ta' bintha msiefra Jennifer Marie Portelli, Simon Portelli u Luca Portelli)</u>**

[19] A fol 134 tal-process Nru 48/1999

- **Porzjon B** tal-kejl ta' 233m.k. mill-**Art Dahla tal-Mejda ta' Duru** liema art hija ta' kejl akbar ossija ta' kejl ta' 1617m.k (ara pjanta PP(A) a fol 66 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art diga' tinsab f'idejn is-successuri ta' tinsab f'idejn is-successuri ta' Toni Portelli – seba' mija u hamsa u ghoxrin euro (€725)

- **Porzjon E** tal-kejl ta' 267m.k. mill-**Art Dahla tal-Mejda ta' Duru** liema art hija ta' kejl akbar ossija ta' kejl ta' 1617m.k (ara pjanta PP(A) a fol 66 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art diga' tinsab f'idejn is-successuri ta' Toni Portelli – tmien mija u tletin euro (€830)

- **Porzjon B** tal-kejl ta' 485m.k. mill-**Art Triq ir-Ramla l-Hamra (il-Qortin tar-Ramla)** liema art hija ta' kejl akbar ossija 2282m.k. (ara pjanta PP(C) a fol 68 tac-Cit Nru: 48/1999) izda li hija maqsuma f'erba' porzjonijiet stmata tlett elef u ghoxrin euro (€3020)

- **Il-porzjon ta' l-art mill-art ir-Ramla ta' Isfel li tinsab fil-pussess tas-successuri ta' Toni Portelli.** Din hija art ta' kejl ta' 476m.k. murija fuq pjanta FE9[20].

- **Art f'Tal-Furnar jew tat-Twil** tal-kejl ta' 119m.k. (ara pjanta PP(G) a fol 72 tac-Cit Nru: 48/1999). Din l-art ma jirrizultax li hija okkupata. Peress li s-successuri ta' Joseph Portelli huma l-anqas li ghandhom bhala valur din ir-raba' qeghda tigi assenjata lilhom - tlett mija u tmenin euro (€380).

Apparti r-raba' fuq imsemmija, fadal ukoll **Porzjon tal-giardina (76.3m.k.)** annessa mad-dar nru 35, Trejqet Majza, Nadur. Dan kif muri fil-pjanta Dok PPB3[21] mhejjija

[20] a fol 84 tal-process Nru 48/1999
[21] A fol 134 tal-process Nru 48/1999

mill-Perit Scerri. Ladarba din il-porzjon art thalliet b'legat naturalment hija eskluza mill-ekwiparazzjoni. [ liema wahda mit-tlett porzjonijiet se tittella bix-xorti]

**Porzjon tas-successuri ta' Giuzepp Portelli (1/6 kull wiehed lill-atturi Francesco Portelli, Carmelo Portelli, Paul Portelli, Josephine Cauchi u l-konvenut Emanuel Portelli u r-rimanenti sesta parti minn din il-porzjoni tigi assenjata lill-atturi Dumink Muscat, Benny Muscat u Joseph Muscat bhala eredi tal-mejjet Joseph Portelli**

- **Porzjon C** tal-kejl ta' 590m.k. mill-**Art Dahla tal-Mejda ta' Duru** liema art hija ta' kejl akbar ossija ta' kejl ta' 1617m.k (ara pjanta PP(A) a fol 66 tac-Cit Nru: 48/1999) li tinsab f'idejn is-successuri ta' Joseph Portelli - elf tmien mija u sebgha u tletin euro (€1837).

- **Porzjon D** tal-kejl ta' 411m.k. mill-**Art Triq ir-Ramla l-Hamra (il-Qortin tar-Ramla)** liema art hija ta' kejl akbar ossija 2282m.k. (ara pjanta PP(C) a fol 68 tac-Cit Nru: 48/1999) izda li hija maqsuma f'erba' porzjonijiet stmata elfejn hames mija u sittin euro (€2560).

- **Il-porzjon ta' l-art mill-art ir-Ramla ta' Isfel li tinsab fil-pussess tas-successuri ta' Joseph Portelli.** Din hija art ta' kejl ta' 476m.k. murija fuq pjanta FE9[22].

- **Art il-Qortin tar-Ramla** tal-kejl ta' 2508m.k. (ara pjanta FE (1)) a fol 76 tac-Cit Nru: 48/1999) - elfejn hames mija u tmien euro (€2,508).

Apparti r-raba' fuq imsemmija, fadal ukoll **Porzjon tal-giardina (76.3m.k.)** annessa mad-dar nru 35, Trejqet Majza, Nadur. Dan kif muri fil-pjanta Dok PPB3[23] mhejjija mill-Perit Scerri. Ladarba din il-porzjon art thalliet b'legat

[22] a fol 84 tal-process Nru 48/1999
[23] A fol 134 tal-process Nru 48/1999ccx

naturalment hija eskluza mill-ekwiparazzjoni. [ liema wahda mit-tlett porzjonijiet se tittella bix-xorti]

**Ekwiparazzjoni**

21. Minn dan kollu jirrizulta li l-valur tar-raba' kollu huwa fl-ammont ta' erba' u erbghin elf hames mija u hamsa u hamsin euro (€44,555). Ghaldaqstant kull porzjon ghandha jkollha valur ta' tmint elef disa' mija u hdax-il euro (€8,911). S'intendi peress li Francesco Portelli huwa s-successur ta' Loreta u Carmela Portelli huwa ghandu zewg porzjonijiet[24].

(i) Ir-raba' li messet lil Francesco Portelli bhala valur tammonta ghal €12,600. Il-porzjon tieghu ghandu jkun pero' ta' valur ta' €17,822.

(ii) Infatti r-raba' li messet lill-eredi ta' Toni Portelli bhala valur tammonta ghal €4,955.

(iii) Ir-raba' li messet lill-eredi ta' Giuzepp Portelli giet stmata li tiswa €6,815.

(iv) Ir-raba' li messet lill-eredi ta' Giuzeppa Galea giet stmata li tiswa' €20,145. Ghaldaqstant ladarba l-porzjon irid ikun jekwivali ghal €8911, l-eredi ta' Giuzeppa Galea bejniethom u skond is-sehem spettanti lilhom ghandhom ihallsu lill-porzjonijiet l-ohra s-somma ta' €11,234.

Meta s-somma ta' €11,234 hija diviza bejn 4 jirrizulta li s-successuri ta' Giuzeppa Galea ghandhom jaghtu lill-4 porzjonijiet l-ohra s-somma ta' €2,808.50 lil kull porzjon.

Izda jekk lil Francesco Portelli (li ghandu zewg porzjonijiet) jinghatalu l-ammont ta' €5,617 jaqbez l-ammont spettanti lilu bis-somma ta' €395. Ghalhekk huwa ghandu jircievi minghand is-successuri ta' Giuzeppa Galea l-ammont ta' €5,222.

---

[24] Imbaghad ghandu wkoll sehem will-wirt ta' missieru Giuzepp Portelli pero' dan se jkun kalkolat ma' l-istess sehem

Jifdal l-ammont ta’ €6,012 x’jithallas in ekwiparazzjoni liz-zewg porzjonijiet l-ohra. Biex l-eredi ta’ Toni Portelli jkunu hadu l-ammont spettanti lilhom iridu jithallsu in ekwiparazzjoni s-somma ta’ €3956.

B’hekk ir-rimanenti €2,056 ghandhom jithallsu lill-eredi ta’ Giuzepp Portelli.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

1. tillikwida l-gid ta’ Facondu u martu Maria Portelli, fis-segwenti:

(i) Art Dahla tal-Mejda ta’ Duru**,** ta’ kejl ta’ 1617m.k.
(ii) Art il-Mejda tad-Duru (kwazi ma’ Triq Ghajn Hozna) ta’ kejl ta’ 1252m.k.
(iii) Art Triq ir-Ramla l-Hamra (il-Qortin tar-Ramla) ta’ kejl 2282m.k.
(iv) Art ta’ Xurdin tal-kejl ta’ 2,040m.k.
(v) Art ta’ Xurdin tal-kejl ta’ 413m.k.
(vi) Art ta’ Xurdin tal-kejl ta’ 804m.k.
(vii) Art f’Tal-Furnar jew tat-Twil tal-kejl ta’ 119m.k.
(viii) Art ta’ Xurdin tal-kejl ta’ 1080m.k.
(ix) Art il-Qortin tar-Ramla tal-kejl ta’ 2508m.k.
(x) Art ir-Ramla ta’ Isfel

Illi apparti dawn il-proprjetajiet hemm ukoll il-**fond numru 35, Trejqet ta’ Mejza, Nadur, Ghawdex** li thalla b’legat lil Loreta u Carmela Portelli u li llum irid ighaddi f’idejn is-successur taghhom ossija l-attur Francesco Portelli; kif ukoll, **ir-raba’ annessa ma’ l-istess fond** li ukoll thalliet b’legat lill-uliedhom kollha.

2. Tiddikjara li l-beni ta’ Facondo u Maria Portelli huma nofs kull wiehed tal-proprjeta’ fuq imsemmija.

3. Tiddikjara li r-raba' fuq imsemmija markati numru (i) sa (x) hija kollha komodament divizibbli bejn il-kontendenti u ghalhekk tordna li tinqasam bejniethom[25] bil-mod kif fuq spjegat fil-parti tal-motivazzjoni ta' din is-sentenza taht is-sub-titolu 'Assenjazzjoni' (li ghandha titqies bhala parti integrali mid-dispozittiv ta' din is-sentenza).

Filwaqt li tordna l-immissjoni fil-pussess tar-r-raba' annessa mal-fond numru 35, Trejqet ta' Mejza, Nadur, Ghawdex li thalliet b'legat lill-ulied il-konjugi Portelli lis-successuri taghhom, tiddikjara wkoll li din l-istess raba' hija wkoll komodament divizibbli u tordna li ghandha tinqasam kif muri fil-pjanta Dok PPB3[26] mhejjija mill-Perit Scerri. B'dan li **l-ewwel porzjoni min-naha tal-lvant tal-kejl ta' madwar 156.2m.k.** (immedjatament attigwa ghall-fond 35) qieghed jigi assenjat lil Francesco Portelli. It-tlett porzjonijiet l-ohra ta' 76.3m.k. kull porzjon ghandhom jigu assenjati bit-tlugh tax-xorti lill-eredi ta' Giuzeppa Galea, Anthony Portelli u Joseph Portelli.

4. Tordna lis-successuri ta' Giuzeppa Galea (kulhadd skont il-kwota spettanti lilu mill-istess sehem) sabiex in ekwiparazzjoni, kif fuq spjegat, ihallsu l-ammont ta' (i) hamest elef mitejn u tnejn u ghoxrin euro (€5,222) lil Francesco Portelli; (ii) l-ammont ta' tlett elef disa' mija u sitta u hamsin euro (€3956) lill-porzjon appartenenti lill-eredi ta' Anthony Portelli; u (iii) l-ammont ta' elfejn u sitta u hamsin euro (€2,056) lill-porzjon appartenenti lill-eredi ta' Giuzepp Portelli.

5. Ghal kull buon fini tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat lill-attur Francesco Portelli tal-fond numru 35, Trejqet ta' Mejza, Nadur, Ghawdex.

6. Tappunta lin-Nutar Dr Joanne Cauchi sabiex tippubblika l-att relattiv (qasma tar-raba' u immissjoni fil-pussess) u lill-avukat Dr Angele Formosa sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci. It-tlugh tax-xorti tar-raba'

[25] Ir-raba' diga' qeghda fil-pussess tal-kontendenti fil-fatt.
[26] A fol 134 tal-process Nru 48/1999

mhollija b'legat u l-att relattiv ghandhom isiru fis-27 ta' Jannar, 2012 f'12.00p.m. fil-bini tal-qorti, jew f'data u post iehor li tista' tordna l-qorti wara li ssirilha talba permezz ta' rikors.

Tordna li l-ispejjez tal-kawza, u kif ukoll dawk marbutin mal-pubblikazzjoni tal-qasma tal-kuntratt ta' qasma, jinqasmu bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------